Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/914

23.4.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/914

tal-21 ta' April 2026

li jemenda l-Annessi V, XIII u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għall-Botswana, għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti annimali u prodotti li joriġinaw mill-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali") ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 230(1), l-Artikolu 232(1), il-punt (b) u l-Artikolu 232(3), il-punt (b) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprevedi li l-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn pajjiżi terzi jew territorji jitħallew jidħlu fl-Unjoni biss jekk il-pajjiżi terzi jew it-territorji kkonċernati jkunu elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 ([2]) jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li l-konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji, jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura, iridu jkunu konformi magħhom biex jidħlu fl-Unjoni.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 ([3]) jistabbilixxi l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom li minnhom hu permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692. Dawk il-listi u ċerti regoli ġenerali li jikkonċernaw dawk il-listi huma stabbiliti fl-Annessi I sa XXII ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(4) B'mod aktar partikolari, l-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxi l-lista ta' pajjiżi terzi jew territorji, jew żoni tagħhom, awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' laħam frisk tal-ungulati.

(5) Fit-2 ta' April 2026, il-Botswana infurmat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer (FMD) fl-istabbiliment tal-annimali bovini ta' Ramatlabama fir-reġjun ta' Barolong, fid-Distrett tan-Nofsinhar tal-Botswana, li ġiet ikkonfermata mill-awtoritajiet kompetenti fl-1 ta' April 2026 permezz ta' analiżi tal-laboratorju (RT-PCR u AC-ELISA). Dak l-istabbiliment jinsab fiż-żona tal-kontroll 11 tal-mard veterinarju ddeżinjata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Botswana fejn tinsab ukoll l-unika biċċerija elenkata tal-UE approvata għad-dħul fl-Unjoni ta' laħam frisk ta' ċerti ungulati u li ma għandha l-ebda miżura tal-kontroll tal-moviment fis-seħħ jew ostaklu fiżiku maż-żoni tal-kontroll 12 u 13 tal-mard veterinarju.

([1]) ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/429/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/692/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/404/oj).

(6) Barra minn hekk, wara n-notifika immedjata ta' tifqigħa tal-FMD fir-reġjun ta' Barolong, fid-Distrett tan-Nofsinhar tal-Botswana, ippreżentata lill-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (WOAH) mid-Delegat tal-Botswana, il-WOAH issospendiet l-istatus ta' "żona ħielsa mill-FMD fejn it-tilqim mhuwiex ipprattikat" taż-żona li tikkonsisti miż-żoni tal-kontroll 3c (Dukwi), 4b, 5, 6a, 8, 9, 10, 11, 12 u 13 tal-mard veterinarju ddeżinjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Botswana, kif rikonoxxut mill-Assemblea Dinjija tad-Delegati f'termini tar-Riżoluzzjoni Nru 13 f'Mejju 2025, b'effett mill-31 ta' Marzu 2026.

(7) Il-lista tal-pajjiżi terzi jew tat-territorji, jew taż-żoni tagħhom stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness XIII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 tispeċifika li d-dħul fl-Unjoni miż-żoni BW-1, li jikkonsistu miż-żoni tal-kontroll 4b, 5, 8 u 9 tal-mard veterinarju, BW-2, li jikkonsistu miż-żoni tal-kontroll 10, 11 u 13 tal-mard veterinarju, BW-3, li jikkonsistu minn żona tal-kontroll 12 tal-mard veterinarju, u BW-5, li jikkonsistu minn żona tal-kontroll 6a tal-mard veterinarju, fil-Botswana ta' konsenji ta' laħam frisk ta' ċerti ungulati, hu awtorizzat.

(8) Minħabba r-riskju tal-introduzzjoni tal-FMD fl-Unjoni permezz ta' konsenji ta' laħam frisk ta' ċerti ungulati mill-Botswana u filwaqt li jitqies b'mod partikolari l-Artikolu 124, il-punt (c), tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 li jipprojbixxi l-ġarr ta' annimali mill-istabbilimenti tal-oriġini tagħhom lejn il-biċċerija tramite żoni mhux elenkati għad-dħul fl-Unjoni, id-dħul fl-Unjoni miż-żoni BW-1, BW-2, BW-3 u BW-5 fil-Botswana ta' tali konsenji jenħtieġ li ma jibqax jiġi awtorizzat.

(9) Barra minn hekk, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi tal-pajjiżi terzi, tat-territorji jew taż-żoni tagħhom, li minnhom hu awtorizzat id-dħul fl-Unjoni, rispettivament, ta' konsenji tal-pollam u ta' prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk tal-pollam u għasafar tal-kaċċa.

(10) Fis-16 ta' April 2026, il-Kanada nnotifikat lill-Kummissjoni dwar tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fil-provinċja ta' Saskatchewan, li ġiet ikkonfermata fit-13 ta' April 2026 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(11) Fit-12 ta' April 2026 u l-15 ta' April 2026, ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tliet tifqigħat ġodda tal-HPAI fil-pollam fl-kontej ta' Cambridgeshire u Lincolnshire, l-Ingilterra, li ġew ikkonfermati fil-11 ta' April 2026 u l-14 ta' April 2026 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(12) Fit-2 ta' April 2026 u s-16 ta' April 2026, l-Istati Uniti nnotifikaw lill-Kummissjoni dwar 14-il tifqigħa ġdida tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' Arkansas, Indiana, Pennsylvania u South Dakota, li ġew ikkonfermati bejn il-31 ta' Marzu 2026 u l-14 ta' April 2026 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(13) Wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti nnotifikaw l-istabbiliment ta' żoni ristretti ta' mqar 10km madwar l-istabbilimenti affettwati u l-implimentazzjoni ta' politika tal-qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

(14) Il-Kanada, ir-Renju Unit, u l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji rispettivi tagħhom u l-miżuri li ħadu biex jevitaw aktar tixrid tal-HPAI wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI.

(15) L-informazzjoni pprovduta mill-Kanada, mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, jixraq jiġi sospiż id-dħul fl-Unjoni tal-konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa miż-żoni kkonċernati mit-tifqigħat il-ġodda f'dawk il-pajjiżi terzi, biex jitħares l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu d-dati meta ġew ikkonfermati t-tifqigħat. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada, għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fit-tabelli stabbiliti fit-Taqsima B tal-Parti 1 u fil-Parti 2 tal-Anness V, u fit-tabella stabbilita fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(16) Barra minn hekk, il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti pprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni b'rabta mas-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorji rispettivi tagħhom fir-rigward ta' tifqigħat preċedenti tal-HPAI li wasslu għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa, kif stabbilit fit-tabella fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness V, u fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(17) B'mod partikolari, fit-13 ta' April 2026, il-Kanada ssottomettiet informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħadet fir-rigward ta' tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fil-provinċja ta' Alberta, li kienet ġiet ikkonfermata fil-21 ta' Novembru 2025 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(18) Fl-14 ta' April 2026, ir-Renju Unit issottometta informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħa fir-rigward ta' tifqigħa tal-HPAI fil-pollam fil-kontea ta' Yorkshire, l-Ingilterra, li ġiet ikkonfermata fit-3 ta' Marzu 2026 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(19) Fid-9 ta' April 2026, l-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali u l-miżuri li ħadu b'rabta ma' tifqigħat tal-HPAI fil-pollam fl-istati ta' Colorado, Florida, Idaho, North Carolina, Pennsylvania, South Dakota u Washington, li ġew ikkonfermati bejn l-20 ta' Ottubru 2025 u t-3 ta' Marzu 2026 b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).

(20) Il-Kanada, ir-Renju Unit u l-Istati Uniti informaw lill-Kummissjoni li, wara dawk it-tifqigħat preċedenti tal-HPAI, kienu implimentaw politika tal-qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, u kienu lestew it-tindif u d-diżinfettar meħtieġa wara l-implimentazzjoni tal-politika tal-qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettati.

(21) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Kanada, mir-Renju Unit u mill-Istati Uniti f'dak ir-rigward u jidhrilha li dawn taw garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li kienet wasslet għas-sospensjoni tad-dħul ta' konsenji tal-pollam u tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u ta' laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa fl-Unjoni miż-żoni affettwati, kif stabbilit fit-tabella fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness V, u fit-tabella fit-Taqsima B tal-Parti 1 tal-Anness XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404, ma għadhiex toħloq theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni u li għaldaqstant jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni ta' dawk il-konsenji miż-żoni affettwati tal-Kanada, tar-Renju Unit u tal-Istati Uniti, li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni. Għalhekk, l-entrati għall-Kanada u għall-Istati Uniti f'dawk it-tabelli ta' dawk l-Annessi jenħtieġ li jiġu emendati kif xieraq.

(22) Filwaqt li jitqiesu s-sitwazzjoni tal-FMD fil-Botswana u t-tifqigħat il-ġodda tal-HPAI fil-Kanada, fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti, u biex ikun evitat kull tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Kanada, mar-Renju Unit u mal-Istati Uniti, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi V, XIII u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 b'dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.

(23) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Annessi V, XIII u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' April 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Annessi V, XIII u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.314 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.314	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		21.11.2025	19.4.2026"

(ii) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela li ġejja għaż-żona CA-2.330 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona CA-2.329:

"**CA** Il-Kanada	CA-2.330	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		13.4.2026"	

(iii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.466 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.466	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		3.3.2026	10.4.2026"

(iv) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.467, GB-2.468 u GB-2.469 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.466:

"**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.467	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		11.4.2026	
	GB-2.468		N, P1		14.4.2026	
	GB-2.469		N, P1		14.4.2026"	

(v) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1093 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1093	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		20.10.2025	26.3.2026"

(vi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1113 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1113	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		6.11.2025	2.4.2026"

(vii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1152 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1152	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		18.11.2025	1.4.2026"

(viii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1155, US-2.1156 u US-2.1157 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1155	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		21.11.2025	1.4.2026
	US-2.1156		N, P1		26.11.2025	1.4.2026
	US-2.1157		N, P1		26.11.2025	1.4.2026"

(ix) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1176 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1176	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		4.12.2025	1.4.2026"

(x) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1237 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1237	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		14.1.2026	7.4.2026"

(xi) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1270 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1270	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		17.2.2026	9.4.2026"

(xii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1280 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1280	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		19.2.2026	29.3.2026"

(xiii) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1288 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1288	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		24.2.2026	6.4.2026"

(xiv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1306 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1306	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		3.3.2026	1.4.2026"

(xv) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.1357 sa US-2.1370 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1356:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1357	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		31.3.2026	
	US-2.1358		N, P1		1.4.2026	
	US-2.1359		N, P1		31.3.2026	
	US-2.1360		N, P1		31.3.2026	
	US-2.1361		N, P1		3.4.2026	
	US-2.1362		N, P1		3.4.2026	
	US-2.1363		N, P1		31.3.2026	
	US-2.1364		N, P1		3.4.2026	
	US-2.1365		N, P1		1.4.2026	
	US-2.1366		N, P1		8.4.2026	
	US-2.1367		N, P1		8.4.2026	
	US-2.1368		N, P1		13.4.2026	
	US-2.1369		N, P1		14.4.2026	
	US-2.1370		N, P1		10.4.2026"	

(b) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Kanada, id-deskrizzjoni li ġejja għaż-żona CA-2.330 tiżdied wara d-deskrizzjoni għaż-żona CA-2.329:

"Il-Kanada	CA-2.330	Saskatchewan – Latitudni 51.2, Lonġitudni -108 Il-muniċipalitajiet involuti huma: 3km PZ: Kyle, Lacadena u Monet 10km SZ: Kyle, Lacadena u Monet"

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjoni li ġejja taż-żoni GB-2.467, GB-2.468 u GB-2.469 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.466:

"Ir-Renju Unit	GB-2.467	qrib Sudbrooke, West Lindsey, Lincolnshire, England, GB iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N53.35 u Lonġ: W0.38
	GB-2.468	qrib Gainsborough, West Lindsey, Lincolnshire, l-Ingilterra, GB iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N53.44 u Lonġ: W0.74
	GB-2.469	qrib Great Shelford, South Cambridgeshire, Cambridgeshire, l-Ingilterra, GB iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10km, iċċentrat fuq il-koordinati deċimali WGS84 Lat: N52.14 u Lonġ: E0.10"

(iii) fl-entrata għall-Istati Uniti, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni US-2.1357 sa US-2.1370 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona US-2.1356:

"L-Istati Uniti	US-2.1357	L-istat ta' South Dakota Edmunds 17 Il-kontea ta' Edmunds: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 99.1308661°W 45.4350642°N)
	US-2.1358	L-istat ta' South Dakota McPherson 16 Il-kontea ta' McPherson: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 99.5106187°W 45.7228060°N)
	US-2.1359	L-istat ta' Indiana Elkhart 38 Il-kontea ta' Elkhart: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6575685°W 41.7228382°N)
	US-2.1360	L-istat ta' Indiana Elkhart 39 Il-kontea ta' Elkhart: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6824473°W 41.6923615°N)
	US-2.1361	L-istat ta' Indiana Elkhart 40 Il-kontea ta' Elkhart: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6706250°W 41.7261796°N)
	US-2.1362	L-istat ta' Indiana Elkhart 41 Il-kontea ta' Elkhart: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6887047°W 41.6964121°N)
	US-2.1363	L-istat ta' Indiana LaGrange 85 Il-kontea ta' Lagrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6041250°W 41.6397435°N)
	US-2.1364	L-istat ta' Indiana LaGrange 86 Il-kontea ta' Lagrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.6398612°W 41.8428044°N)
	US-2.1365	L-istat ta' Pennsylvania Bucks 03 Il-kontea ta' Bucks: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 75.0736794°W 40.6150462°N)
	US-2.1366	L-istat ta' Indiana LaGrange 87 Il-kontea ta' Lagrange: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 85.5965163°W 41.6337128°N)

	US-2.1367	L-istat ta' South Dakota Hutchinson 07 Il-kontea ta' Hutchinson: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 97.8318390°W 43.5787183°N)
	US-2.1368	L-istat ta' South Dakota Edmunds 18 Il-kontea ta' Edmunds: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 99.0537833°W 45.5076056°N)
	US-2.1369	L-istat ta' South Dakota Charles Mix 16 Il-kontea ta' Charles Mix: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 98.4674689°W 43.3093378°N)
	US-2.1370	L-istat ta' Arkansas Clay 02 Il-kontea ta' Clay: Żona ċirkolari b'raġġ ta' 10km li tibda mill-punt tat-Tramuntana (koordinati GPS: 90.2924988°W 36.3805521°N)"

2) fl-Anness XIII, l-entrati għall-Botswana huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**BW** Il-Botswana	BW-1	Annimali bovini	BOV	Maturazzjoni u dissussar Bla ġewwieni		1.4.2026	
		Annimali ovini u kaprini	OVI				
		Ungulati tal-kaċċa mrobbija	RUF				
		Ungulati tal-kaċċa selvaġġi	RUW				
	BW-2	Annimali bovini	BOV	Maturazzjoni u dissussar Bla ġewwieni		1.4.2026	
		Annimali ovini u kaprini	OVI				
		Ungulati tal-kaċċa mrobbija	RUF				
		Ungulati tal-kaċċa selvaġġi	RUW				
	BW-3	Annimali bovini	BOV	Maturazzjoni u dissussar Bla ġewwieni		1.4.2026	
		Annimali ovini u kaprini	OVI				
		Ungulati tal-kaċċa mrobbija	RUF				
		Ungulati tal-kaċċa selvaġġi	RUW				

	BW-4	Annimali bovini	BOV	Maturazzjoni u dissussar Bla ġewwieni		28.5.2013	
	BW-5	Annimali bovini	BOV	Maturazzjoni u dissussar Bla ġewwieni		1.4.2026	
		Annimali ovini u kaprini	OVI				
		Ungulati tal-kaċċa mrobbija	RUF				
		Ungulati tal-kaċċa selvaġġi	RUW				
	BW-6	Annimali bovini	BOV	Maturazzjoni u dissussar Bla ġewwieni		27.8.2022	
		Annimali ovini u kaprini	OV				
		Ungulati tal-kaċċa mrobbija	RUF				
		Ungulati tal-kaċċa selvaġġi	RUW				
	BW-7	Annimali bovini	BOV	Maturazzjoni u dissussar Bla ġewwieni		29.1.2026”	

(3) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela għaż-żona CA-2.314 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**CA** Il-Kanada	CA-2.314	POU, RAT	N, P1		21.11.2025	19.4.2026
		GBM	P1		21.11.2025	19.4.2026”

(b) fl-entrata għall-Kanada, ir-ringiela li ġejja għaż-żona CA-2.330 tiżdied wara r-ringiela għaż-żona CA-2.329:

“**CA** Il-Kanada	CA-2.330	POU, RAT	N, P1		13.4.2026	
		GBM	P1		13.4.2026”	

(c) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela għaż-żona GB-2.466 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.466	POU, RAT	N, P1		3.3.2026	10.4.2026
		GBM	P1		3.3.2026	10.4.2026”

(d) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringiela li ġejja għaż-żoni GB-2.467, GB-2.468 u GB-2.469 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona GB-2.466:

“**GB** Ir-Renju Unit	GB-2.467	POU, RAT	N, P1		11.4.2026	
		GBM	P1		11.4.2026	
	GB-2.468	POU, RAT	N, P1		14.4.2026	
		GBM	P1		14.4.2026	
	GB-2.469	POU, RAT	N, P1		14.4.2026	
		GBM	P1		14.4.2026”	

(e) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1093 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.1093	POU, RAT	N, P1		20.10.2025	26.3.2026
		GBM	P1		20.10.2025	26.3.2026”

(f) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1113 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.1113	POU, RAT	N, P1		6.11.2025	2.4.2026
		GBM	P1		6.11.2025	2.4.2026”

(g) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1152 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.1152	POU, RAT	N, P1		18.11.2025	1.4.2026
		GBM	P1		18.11.2025	1.4.2026”

(h) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.1155, US-2.1156 u US-2.1157 huma sostitwiti b’dan li ġej:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.1155	POU, RAT	N, P1		26.11.2025	1.4.2026
		GBM	P1		26.11.2025	1.4.2026
	US-2.1156	POU, RAT	N, P1		26.11.2025	1.4.2026
		GBM	P1		26.11.2025	1.4.2026
	US-2.1157	POU, RAT	N, P1		26.11.2025	1.4.2026
		GBM	P1		26.11.2025	1.4.2026”

(i) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1176 hija sostitwita b’dan li ġej:

“**US** L-Istati Uniti	US-2.1176	POU, RAT	N, P1		4.12.2025	1.4.2026
		GBM	P1		4.12.2025	1.4.2026”

(j) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1237 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1237	POU, RAT	N, P1		14.1.2026	7.4.2026
		GBM	P1		14.1.2026	7.4.2026"

(k) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1270 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1270	POU, RAT	N, P1		17.2.2026	9.4.2026
		GBM	P1		17.2.2026	9.4.2026"

(l) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1280 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1280	POU, RAT	N, P1		19.2.2026	29.3.2026
		GBM	P1		19.2.2026	29.3.2026"

(m) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1288 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1288	POU, RAT	N, P1		24.2.2026	6.4.2026
		GBM	P1		24.2.2026	6.4.2026"

(n) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringiela għaż-żona US-2.1306 hija sostitwita b'dan li ġej:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1306	POU, RAT	N, P1		3.3.2026	1.4.2026
		GBM	P1		3.3.2026	1.4.2026"

(o) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni US-2.1357 sa US-2.1370 jiżdiedu wara r-ringiela għaż-żona US-2.1356:

"**US** L-Istati Uniti	US-2.1357	POU, RAT	N, P1		31.3.2026	
		GBM	P1		31.3.2026	
	US-2.1358	POU, RAT	N, P1		1.4.2026	
		GBM	P1		1.4.2026	
	US-2.1359	POU, RAT	N, P1		31.3.2026	
		GBM	P1		31.3.2026	
	US-2.1360	POU, RAT	N, P1		31.3.2026	
		GBM	P1		31.3.2026	
	US-2.1361	POU, RAT	N, P1		3.4.2026	
		GBM	P1		3.4.2026	
	US-2.1362	POU, RAT	N, P1		3.4.2026	
		GBM	P1		3.4.2026	

	US-2.1363	POU, RAT	N, P1		31.3.2026	
		GBM	P1		31.3.2026	
	US-2.1364	POU, RAT	N, P1		3.4.2026	
		GBM	P1		3.4.2026	
	US-2.1365	POU, RAT	N, P1		1.4.2026	
		GBM	P1		1.4.2026	
	US-2.1366	POU, RAT	N, P1		8.4.2026	
		GBM	P1		8.4.2026	
	US-2.1367	POU, RAT	N, P1		8.4.2026	
		GBM	P1		8.4.2026	
	US-2.1368	POU, RAT	N, P1		13.4.2026	
		GBM	P1		13.4.2026	
	US-2.1369	POU, RAT	N, P1		14.4.2026	
		GBM	P1		14.4.2026	
	US-2.1370	POU, RAT	N, P1		10.4.2026	
		GBM	P1		10.4.2026”.	